MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 1582/1998/1

Avviz Nru  1582/98 DM

Maltacom Plc

Vs

Diane Abela Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Gawhra Limited

Il-Qorti ;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u tnejn liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm602.79) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 225722 skond kif jirrizulta mill-anness mall-avviz 'statement' Dok A.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tal-15 ta' April, 1998 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghat ix-xhieda tar-rapprezentanti tal-kumpanija attrici u rat id-dokumenti esebiti issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qedgha tilqa' it-talba attrici u tikkundannna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' sitt mija u tnejn liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm602.79) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mis-17 ta' Awissu, 1998, u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------